# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Clayton Camilleri]

[Spettur Andrew Agius Bonello]

vs

Mario Schembri

George Schembri

Joseph Bezzina

Victor Bugeja

Kumpilazzjoni Numru:259/23

Illum, 26 ta' Marzu, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Mario Schembri detentur tal-karta tal-identità numru 275759M, George Schembri detentur tal-karta tal-identità numru 744857M, Joseph Bezzina detentur tal-karta tal-identità numru 402960M u Victor Bugeja detentur tal-karta tal-identità numru 190558M:

1. U akkużati talli nhar is-06 ta' Marzu 2023 għall-ħabta ta' bejn il-erbgħa ta' filgħaxija (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), ġewwa Naxxar mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' arma irregulari ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ale Adnam Hussein liema feriti ġabu mankament jew sfreġju fil-ġisem ta' Ale Adnam Hussein skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Katya Azzopardi MD Reg. No. 6443 tal-Isptar Mater Dei u / jew diversi tobba oħra;

2. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamlu inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kienu ipprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kisru il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied;

Lil Mario Schembri biss

4. u aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, uża kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra Ale Adnam Hussein fuq bażi ta' reliġjon jew twemmin u b'hekk ħoloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda;

5. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba ukoll li sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmi Ale Adnam Hussein jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni favur Ale Adnam Hussein u l-familjari tiegħu, u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u ċioè l-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(iii), 218, 339(1)(e), 338(dd), 82(A)(1), 49, 50, 533 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-akkużi kollha kif dedotti kontrihom u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li ngħataw iż-żmien opportun sabiex ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom.

Stante ammissjoni bikrija, il-Qorti qed issib lill-imputati kollha u ċioè lil Mario Schembri, George Schembri, Joseph Bezzina u Victor Bugeja ħatja tal-akkużi kif dedotti kontrihom u lil Mario Schembri bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'

Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor għal żmien tliet (3) snin mil-lum, flimkien ma' ammenda ta' mija u sittax-il ewro (€116).

Filwaqt li lil George Schembri, Joseph Bezzina u Victor Bugeja bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor għal żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trażżin taħt l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin fil-konfront tal-akkużati kollha u ċioè lil Mario Schembri, George Schembri, Joseph Bezzina u Victor Bugeja, liema ordni qiegħda tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Dep. Reġ.**